

**Brussell, 29 ta' April 2022  
(OR. en)**

**8556/22**

**JAI 548  
MIGR 127  
ASIM 31  
SOC 234  
EMPL 142  
EDUC 136**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 657 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠĠJUNI Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 657 final.

Mehmuż: COM(2022) 657 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.4.2022  
COM(2022) 657 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

*Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

*Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE*

**1. INTRODUZZJONI**

Il-migrazzjoni legali hija ta' benefiċċju għall-migranti kif ukoll għall-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni. Dan jagħti lil dawk li jixtiequ jemigraw opportunità biex itejbu ċ-ċirkostanzi tagħhom u jgħin biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-pajjiżi ospitanti. Fiha nnifisha tista' tkun investment fl-ekonomija u fis-soċjetà kollha kemm hi, tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE, waqt li tikkontribwixxi biex is-soċjetajiet Ewropej isiru aktar koeżivi u reżiljenti. Il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni teħtieġ li tirrifletti l-integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE u l-interdipendenza tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri. Hija jenħtieġ li tgħin l-Istati Membri jużaw is-sħubija tagħhom fl-UE **bħala assi biex jattiraw talent u tipi differenti ta' ħiliet** li jistgħu jikkontribwixxu għad-dinamiżmu tal-ekonomiji tal-UE.

**Il-migrazzjoni u l-mobbiltà huma u se jkomplu jkunu karatteristiċi inerenti tal-umanità, globalment u fl-UE.** Fl-1 ta' Jannar 2021, 23.7 miljun nazzjonal minn pajjiżi mhux tal-UE kienu residenti fl-UE, li jirrappreżentaw 5.3 % tal-popolazzjoni totali<sup>1</sup>. Il-migrazzjoni irregolari lejn l-UE għadha limitata minkejja li tirċievi kopertura mifruxa mill-media. Annwalment, madwar 2.25 sa 3 miljun nazzjonal minn pajjiżi mhux tal-UE jiġu fl-UE permezz ta' perkorsi legali, f'kuntrast ma bejn l-125 000 sa 200 000 wasla irregolari<sup>2</sup>.

**Il-migrazzjoni legali hija parti essenzjali mill-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni** stabbilit fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>3</sup>, li jiżgura wkoll aktar koerenza bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki dwar il-migrazzjoni. Sabiex jitrawwem qafas aktar effettiv għal perkorsi legali lejn l-UE, **din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi t-tliet pilastri ta' politika ambizzjuża u sostenibbli tal-UE dwar il-migrazzjoni legali.** Dawn il-pilastri jippreżentaw (1) miżuri ta' politika leġiżlattivi, (2) operazzjonali u (3) orjentati lejn il-futur, li se jgħinu biex jiġu indirizzati wħud mill-aktar sfidi importanti li l-UE qed tiffaċċja biex tattira l-ħiliet u t-talent, fuq perjodu ta' żmien qasir u twil. Din il-Komunikazzjoni se tindirizza wkoll il-ħtieġa immedjata li jiġu integrati fis-suq tax-xogħol tal-UE l-persuni fl-età

---

<sup>1</sup> [L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-popolazzjoni tal-migranti](#) tal-Eurostat.

<sup>2</sup> Statistika tal-Eurostat dwar l-ewwel permessi ta' residenza ([migr\\_resfirst](#)) u Frontex.

<sup>3</sup> COM(2020) 609 final.

tax-xogħol li jaslu fl-UE bħala riżultat tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, aktar minn 2,5 miljun adult<sup>4</sup> sa April 2022.

### ***Il-każ politiku u ekonomiku għall-migrazzjoni tal-ħaddiema***

Il-migranti diġà għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa. F'dawn l-aħħar għaxar snin, il-ħaddiema migranti<sup>5</sup> mlew parti sinifikanti mill-impjiegi ġodda fl-UE, u għenu **biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol**. L-ammissjoni tal-migranti hija parti minn taħlita usa' ta' politika biex jiġu indirizzati kemm l-eżistenza kif ukoll il-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet<sup>6</sup>. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li sa 13 % tal-ħaddiema li jwettqu funzjonijiet essenzjali – mit-tobba sal-infermiera u s-sewwieqa – huma migranti<sup>7</sup>.

B'mod parallel, il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kkawżat l-akbar spostament fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija, bin-nisa u t-tfal jiffurmaw il-maġġoranza l-kbira tal-wasliet. Wara l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja<sup>8</sup>, l-UE se tkompli tilqa' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u tappoġġa l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol bħala prijorità. Il-wasla tagħhom fl-UE ma tipprekludix il-ħtieġa li jitqiegħdu s-sisien ta' approċċ sostenibbli u komuni għall-migrazzjoni tal-ħaddiema biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-UE fit-tul.

**Wara l-ostakli kkawżati mill-COVID-19, is-suq tax-xogħol Ewropew b'mod ġenerali qed jerġa' lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija<sup>9</sup>:** is-suq tax-xogħol tal-UE jkompli l-irkupru tiegħu u jehtiegħ ħaddiema ġodda, b'mod partikolari f'setturi b'nuqqasijiet strutturali, bħal fis-setturi tat-turiżmu, l-ospitalità, l-IT, is-saħħa u l-loġistika. Madankollu, in-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi huwa akbar minn qabel il-COVID-19<sup>10</sup> b'żieda qawwija ta' postijiet tax-xogħol battala minkejja li l-impjiegi għad iridu jirkupraw kompletament.

<sup>4</sup> UNHCR, ara <https://data2.unhcr.org/en/situations/ukraine>.

<sup>5</sup> Fl-1 ta' Jannar 2021, in-nazzjonali ta' pajjiżi terzi residenti fl-Istati Membri tal-EU-27 kienu jirrappreżentaw 5,3 % tal-popolazzjoni totali. Madankollu, skont il-Eurostat, fl-2020 (bl-użu tad-*data* tal-LFS u l-klassifikazzjoni ISCO-08), dawn ammontaw għal 8,7 % ta' dawk li jnaddfu u dawk li jagħtu l-għajjnuna, 7,2 % tal-assistenti għall-preparazzjoni tal-ikel, 6,9 % tal-ħaddiema fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd, 6,1 % tal-ħaddiema tal-bini u 6,0 % tal-ħaddiema fil-minjieri, fil-kostruzzjoni, fil-manifattura u fit-trasport.

<sup>6</sup> Interventi oħra possibbli min-naħa tal-impjegaturi u/jew ta' dawk li jfasslu l-politika jinkludu ż-żieda fil-pagi, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol tar-residenti kurrenti bi sfond nattiv u barrani, b'mod partikolari n-nisa, l-investment fil-faċilitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-riformi tagħhom, it-tibdil fil-proċessi tal-produzzjoni jew iż-żieda fl-importazzjonijiet. Ara pereżempju *Labour shortages and migration policy*, IOM 2012.

<sup>7</sup> <https://ec.europa.eu/jrc/en/news/crucial-contribution-migrant-workers-europes-coronavirus-response>.

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

<sup>9</sup> <https://www.pesnetwork.eu/2022/04/04/european-labour-market-barometer-17/>

<sup>10</sup> Il-Fond Monetarju Internazzjonali, *Labour market tightness in advanced economies*, Marzu 2022.

Konxji mill-ħtiġijiet futuri, il-migrazzjoni legali trid takkumpanja wkoll it-**tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ekoloġika u diġitali**, li tirrikjedi ħliet speċifiċi u ristrutturar tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħna. Biex tappoġġa t-tranżizzjonijiet doppji, il-migrazzjoni tal-ħaddiema tal-UE jenħtieġ li tħares 'il quddiem. Setturi bħall-kostruzzjoni, l-enerġija, il-manifattura u t-trasport x'aktarx li jiġu affettwati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, li tirrikjedi aktar ħaddiema u ħliet ġodda<sup>11</sup>.

Il-migrazzjoni tal-ħaddiema mhux biss għandha benefiċċji ekonomiċi, iżda **ttejjeb ukoll il-ġestjoni ġenerali tal-migrazzjoni peress li tgħin biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu**, anki bil-għan li titnaqqas il-migrazzjoni irregolari. Huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin fis-sett ta' għodod tal-UE stabbiliti fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil biex jinbnew, allinjati mal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli, sħubijiet ibbilanċjati u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar il-migrazzjoni.

Għalhekk hemm każ politiku u ekonomiku qawwi biex jiġu stabbiliti rotot legali aktar effettivi biex il-migranti jidħlu fl-Ewropa. Madankollu, dan huwa sfummat mir-rikonossiment tas-sitwazzjonijiet u l-politiki diverġenti tal-Istati Membri tal-UE. Il-migrazzjoni legali hija **kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**. L-Istati Membri biss għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu dwar l-għadd ta' ċittadini minn pajjiżi mhux tal-UE li jiġu fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu x-xogħol.

F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ **progress realistiku, prammatiku u gradwali**. Il-leġislazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti regoli komuni. L-inizjattivi operazzjonali, ikkoordinati mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u pajjiżi li mhumiex fl-UE, jippermettulna nieħdu miżuri konkreti u prammatiċi. Inizjattivi ġodda ta' politika jifthi possibbiltajiet għal miżuri futuri. Miġburin flimkien, huma jiffurmaw is-sinpla ta' approċċ Ewropew komuni għall-migrazzjoni legali f'konformità mal-valuri Ewropej u jippermettu li niffaċċaw sfidi komuni.

### ***Kuntest demografiku u sfidi ewlenin***

**Fl-istess ħin, l-UE għandha popolazzjoni tax-xogħol li qed tixjiegħ u li qed tonqos**. Sal-2070, id-daqs tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol se jonqos minn madwar 65 % fl-2019 għal bejn 56 % u 54 % tal-popolazzjoni totali tal-UE fl-EU27<sup>12</sup>.

**Dawn ix-xejriet** iżidu l-pressjoni fuq is-swieq tax-xogħol, u b'hekk jimminaw il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku. Is-sehem tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qed jonqos filwaqt li s-sehem ta' persuni akbar fl-età qed jiżdied. Dan huwa partikolarment viżibbli f'xi

<sup>11</sup> Eurofound, Tackling labour shortages in EU Member States, Lulju 2021, <https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/report/2021/tackling-labour-shortages-in-eu-member-states>.

<sup>12</sup> "Population on 1st January by age, sex and type of projection (proj\_19np)" ([Statistika | Eurostat \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat)).

Stati Membri<sup>13</sup>. Xi reġjuni fl-UE huma aktar affettwati minn oħrajn mit-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, biż-żoni rurali l-aktar milquta. Popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos tpoġġi aktar pressjoni fuq is-sistemi taġġna tal-pensjoni u tal-protezzjoni soċjali, u dan iqajjem dubji dwar is-sostenibbiltà fit-tul taġġhom.

**Barra minn hekk, jeħtieġ li l-UE tindirizza n-nuqqasijiet okkupazzjonali f'setturi<sup>14</sup> u reġjuni speċifiċi**, filwaqt li tkopri l-livelli kollha tal-ħiliet: L-impjegaturi tal-UE qed jiffaċċjaw nuqqasijiet fi 28 professjoni li jimpjegaw 14 % tal-forza tax-xogħol tal-UE fl-2020. Dawn il-professjonijiet jinkludu plumbers u fitters tal-pajpijiet, professjonisti tal-infermerija, analisti tas-sistemi, welders u magni li jaqtgħu bil-fjamma, sewwieqa ta' vetturi tqal u tat-trakkijiet, inġiniera ċivili u żviluppaturi tas-software<sup>15</sup>. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa evidenti wkoll fil-livell reġjonali minħabba, pereżempju, id-differenzi fil-livelli ta' żvilupp bejn ir-reġjuni, il-preżenza ta' żoni urbani fir-reġjuni jew is-suq tax-xogħol reġjonali u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien diverġenti<sup>16</sup>.

L-UE tistinka biex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa, tal-persuni akbar fl-età, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u ta' gruppi oħra sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol. Għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-ħiliet tan-nies tul il-ħajja tax-xogħol taġġhom, kif stabbilit fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa<sup>17</sup>. Madankollu, sabiex jiġu **indirizzati dawn il-ħtiġijiet dejjem jikbru tas-suq tax-xogħol, marbuta max-xejriet demografiċi u n-nuqqasijiet, il-mobilizzazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika waħedha jew l-iffaċilitar tal-mobbiltà intra-UE mħumiex biżżejjed**. Il-potenzjal tal-mobbiltà intra-UE biex jittaffa n-nuqqas ta' ħaddiema huwa dejjem aktar limitat, anki minħabba li jippreżumi li t-talent u l-ħiliet miksuba f'post wieħed jintilfu f'post ieħor<sup>18</sup>, u jridu jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-fatt li l-iskarsezzi ta' ħaddiema huma rrapportati kważi fl-Istati Membri kollha. Il-pandemija tal-

<sup>13</sup> Eurostat, [Population structure and ageing](#); Il-Kummissjoni Ewropea, *Atlas of Demography, Impact of migration on working-age population*, <https://migration-demography-tools.jrc.ec.europa.eu/atlas-demography/stories/AoD/2/migration/S4>.

<sup>14</sup> Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala trimestrali tal-EURO-27 laħqet 2,4 % fit-tielet trimestru tat-2021, fl-ogħla livell taġġha mit-tieni trimestru tal-2019 Q2 (qabel il-COVID). Kien 2,6 % fir-raba' trimestru tal-2021. <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/14358242/3-17032022-BP-EN.pdf/3e6f6746-aa8d-b25c-7696-3912bf7ebd2c?t=1647445976514>.

<sup>15</sup> Dawn kienu l-aktar okkupazzjonijiet ta' skarsezza rrapportati fl-2021 fl-UE. Ara l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, *Analysis of shortage and surplus occupations*; 2021 <https://www.ela.europa.eu/en/news/analysis-shortage-and-surplus-occupations-2021>.

<sup>16</sup> Ix-xejriet tat-tixjiħ u tad-depopolazzjoni fit-territorji kollha tal-UE huma koperti b'mod estensiv f'Aurambout, J.P., Batista E Silva, F., Bosco, C., Conte, A., Ghio, D., Kalantaryan, S., Kompil, M., Perpiña Castillo, C., Proietti, P., Scipioni, M., Sulis, P. and Tintori, G., *The Demographic Landscape of EU Territories*, Goujon, A., Jacobs, C., Natale, F. u Lavallo, C. editur(i), EUR 30498 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021, ISBN 978-92-76-27239-7 (online), 978-92-76-27238-0 (stampat), doi:10.2760/658945 (online), 10.2760/49621 (stampat), JRC123046.

<sup>17</sup> COM (2020) 274 final.

<sup>18</sup> Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq inizjattiva biex ittaffi l-isfidi assoċjati mal-eżodu ta' mħuħ u d-depopolazzjoni fl-UE u tidentifika soluzzjonijiet potenzjali biex jitreġġa' lura t-tnaqqis ekonomiku u soċjali tar-reġjuni milquta. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi tnedew f'Marzu 2022.

COVID-19 qed tkompli ssaħħa id-domanda għal diversi okkupazzjonijiet speċifiċi ta' skarsezza, bl-akbar impatt ikun fuq id-domanda għall-ħiliet fil-kura tas-saħħa. Pereżempju, fl-2020, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Netherlands, ir-Rumanija u l-Iżvezja, kollha rrapportaw nuqqasijiet fis-saħħa u professjonisti assoċjati<sup>19</sup>. Il-ħaddiema mobbli tal-UE jirrappreżentaw inqas minn terz tal-ħaddiema fil-kura personali huma mill-UE, b'żewġ terzi ġejjin minn barra l-UE.

Għalhekk, kemm l-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa** kif ukoll il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** jirrikonoxxu l-ħtieġa għal approċċ aktar strateġiku għall-migrazzjoni legali, orjentat lejn l-attrazzjoni aħjar u ż-żamma tat-talent biex jitrawwem il-potenzjal tat-tkabbir u l-innovazzjoni u biex il-migrazzjoni legali tiġi diretta lejn ir-regġuni u l-okkupazzjonijiet li jesperjenzaw nuqqas ta' ħiliet.

Biex tibqa' kompetittiva globalment, **jeħtieġ li l-UE ssir aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja**. Bħalissa, in-nazzjonali bi kwalifiki għoljin minn pajjiżi li mhumiex fl-UE huma aktar probabbli li jagħżlu l-Amerika ta' Fuq jew l-Oċeanja mill-UE<sup>20</sup>. L-ewwel pass importanti biex tittejjeb l-attrazzjoni tal-UE kien ir-reviżjoni reċenti tad-**Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE**<sup>21</sup>, li se tippermetti lill-migranti bi kwalifiki għolja jibbenefikaw minn drittijiet imtejba, u b'mod partikolari d-dritt li jiċċaqilqu u jaħdmu f'pajjiżi oħra tal-UE, kif ukoll proċeduri aktar rapidi u simplifikati. Dawn l-aspetti kollha ta' attrazzjoni jenħtieġ li jissaħħu wkoll għal kategoriji oħra ta' migranti, flimkien ma' miżuri għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema<sup>22</sup> u d-diskriminazzjoni<sup>23</sup>. **It-tqabbil tad-domanda u l-provvista tax-xogħol** huwa wkoll sfida f'kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn żieda fil-kompetizzjoni għall-ħiliet u t-talent. Żewġ ostakli kurrenti huma l-proċeduri twal u kkumplikati tal-immigrazzjoni u r-rekwiżiti li jvarjaw madwar l-Istati Membri, u d-diffikultà li t-talenti minn pajjiżi mhux tal-UE jiġu konnessi ma' impjegaturi potenzjali fl-Istati Membri.

---

<sup>19</sup> Eurofound (2021), *Tackling labour shortages in EU Member States*.

<sup>20</sup> Skont il-Bażi tad-Data dwar l-Immigranti fil-Pajjiżi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (Organisation for Economic Co-operation and Development, OECD), wieħed biss minn kull erba' migranti b'edukazzjoni għolja li kienu residenti fl-OECD fl-2015-16 kien għażel destinazzjoni tal-UE, filwaqt li kważi tnejn minn kull tlieta kienu għażlu li jistabbilixxu ruħhom fl-Amerika ta' Fuq jew fl-Oċeanja.

<sup>21</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE.

<sup>22</sup> Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-isfruttament ta' ħaddiema ta' migranti irregolari, f'Settembru 2021 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni (COM (2021) 592 final) dwar id-Direttiva 2009/52/KE dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem, li tidentifika għadd ta' azzjonijiet neċessarji biex jissaħħu l-implimentazzjoni u l-effettività tad-Direttiva.

<sup>23</sup> Tħejja sett ta' għodod dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-integrazzjoni ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-27. Ta' rilevanza wkoll huwa l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020-2025: [https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combating-discrimination/racism-and-xenophobia/eu-anti-racism-action-plan-2020-2025\\_mt](https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/combating-discrimination/racism-and-xenophobia/eu-anti-racism-action-plan-2020-2025_mt)

Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni “Welcoming those fleeing war in Ukraine: readying Europe to meet the needs”<sup>24</sup>, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jieħdu miżuri biex **jintegraw il-benefiċjarji ta’ protezzjoni temporanja fis-suq tax-xogħol**. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-immappjar tal-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom biex tiffaċilita t-tqabbil tagħhom mal-impjegaturi tal-UE<sup>25</sup>.

### ***Lejn politika sostenibbli tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, mibnija fuq tliet pilastri***

F’dawn l-aħħar żewġ deċennji, **l-UE żviluppat qafas legali** li fil-biċċa l-kbira jarmonizza l-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza tal-Istati Membri għal ċerti kategoriji ta’ ċittadini minn pajjiżi mhux tal-UE. Dan jinkludi dħul u residenza għal skopijiet ta’ xogħol, bħal ħaddiema bi kwalifiki għoljin (jiġifieri detenturi ta’ “karta blu”)<sup>26</sup>, ħaddiema staġjonali<sup>27</sup>, u ħaddiema bi trasferiment intraażjendali<sup>28</sup>. Il-qafas legali tal-UE jirregola wkoll: i) il-kundizzjonijiet u d-drittijiet ta’ ammissjoni tal-istudenti u r-riċerkaturi ta’ pajjiżi mhux tal-UE<sup>29</sup>, ii) id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja<sup>30</sup>, u iii) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-nazzjonali ta’ pajjiżi mhux tal-UE biex jiksbu dritt ta’ residenza permanenti (jiġifieri “residenza fit-tul”)<sup>31</sup>. Il-leġislazzjoni tal-UE tistabbilixxi wkoll proċedura unika – u permess uniku li jgħaqqad l-awtorizzazzjoni għax-xogħol u r-residenza – għall-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE ammessi skont l-iskemi nazzjonali tal-Istati Membri<sup>32</sup>.

Bħalissa, il-liġi tal-UE ma tkoprix kategoriji oħra ta’ migranti tax-xogħol, u lanqas dawk li jaħdmu għal rashom. Xi wħud minnhom huma koperti mir-regoli nazzjonali. F’Marzu 2019, il-Kummissjoni Ewropea lestiet evalwazzjoni ġenerali ta’ dan il-qafas legali (jiġifieri l-

---

<sup>24</sup> COM(2022) 131 final.

<sup>25</sup> Ara t-Taqsima 3.2. L-iżvilupp ta’ Riżerva ta’ Talent tal-UE biex l-impjegaturi tal-UE jittlaqqgħu aħjar mat-talenti li jeħtieġu.

<sup>26</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta’ Mejju 2009 dwar il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ impjieg bi kwalifiki għoljin, ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17 - 29.

<sup>27</sup> Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-fini ta’ impjieg bħala ħaddiema staġjonali, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375 - 390.

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-qafas ta’ trasferiment intra-ażjendali, ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1 - 22.

<sup>29</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta’ skambju ta’ skulari jew proġetti edukattivi u au pairing, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21–57.

<sup>30</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12 - 18.

<sup>31</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta’ Novembru 2003 dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44–53.

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar proċedura ta’ applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta’ Stat Membru u dwar ġabra komuni ta’ drittijiet għal ħaddiema ta’ pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1-9.

kontroll tal-idoneità fuq il-migrazzjoni legali<sup>33</sup>). Din l-evalwazzjoni wasslet għal konklużjonijiet imħallta u ssottolinjat li jista' jsir aktar biex jiżdied l-impatt tal-qafas tal-migrazzjoni legali tal-UE fuq l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u tal-migrazzjoni tal-UE. Il-kontroll tal-idoneità kkonkluda li hemm għadd ta' nuqqasijiet inerenti fis-sistema tal-migrazzjoni legali tal-UE, bħall-frammentazzjoni, il-kopertura limitata tar-regoli tal-UE, l-inkonsistenza bejn id-diversi direttivi, il-kumplessità tal-proċeduri u l-implimentazzjoni skorretta.

L-UE żviluppat ukoll **skemi ta' mobilità tal-forza tax-xogħol ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE**. Proġetti pilota dwar il-migrazzjoni legali<sup>34</sup> wrew li billi tipprovdi appoġġ immirat, l-UE tista' tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw skemi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impjegaturi, filwaqt li ssaħħaħ l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi sħab. L-UE fetħet ukoll il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-Erasmus+ fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali lejn pajjiżi mhux tal-UE. Madankollu, għad hemm lok għal żieda fl-ambitu u l-ambizzjoni tal-iskemi kurrenti.

Biex issib tweġibiet li huma adattati għall-ħtiġijiet multipli u biex tindirizza n-nuqqasijiet legali u operazzjonali, **il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni wiesgħa**. Huwa kkonsulta lill-pubbliku ġenerali f'konsultazzjonijiet miftuħa<sup>35</sup>, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-imsieħba soċjali Ewropej<sup>36</sup> u s-soċjetà ċivili<sup>37</sup>. Fl-2021, il-Parlament Ewropew adotta żewġ Riżoluzzjonijiet dwar il-migrazzjoni legali<sup>38</sup>, fejn appella lill-Kummissjoni biex ittejjeb u tiżviluppa l-qafas legali u ta' politika tal-UE. Abbażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tippreżenta sett ta' proposti biex tiffaċilita u tippromwovi d-dħul u l-mobbiltà fl-UE għal ċittadini li jemigraw legalment minn pajjiżi li mhumiex fl-UE, bil-għan li titnaqqas il-burokrazija, tissaħħaħ l-armonizzazzjoni, jiġu promossi d-drittijiet fundamentali u t-trattament ugwali, u jiġi evitat l-isfruttament tal-ħaddiema.

---

<sup>33</sup> [https://ec.europa.eu/home-affairs/policies/migration-and-asylum/legal-migration-and-integration/legal-migration-fitness-check\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/policies/migration-and-asylum/legal-migration-and-integration/legal-migration-fitness-check_en)

<sup>34</sup> Bħalissa, tmien Stati Membri kienu, jew huma involuti, f'sitt proġetti bħal dawn mal-Eġittu, il-Moldova, il-Marokk, in-Niġerja, is-Senegal u t-Tuneżija. It-temi ewlenin jinkludu l-mobbiltà ċirkolari għall-esperti tal-ICT, l-oportunitajiet għall-intraprendituri, l-istudenti u l-apprendistati.

<sup>35</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Generali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, *Analysis of the responses to the public consultation on the future of legal migration – Synthesis report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/92995>

<sup>36</sup> Laqgħat organizzati matul l-abbozzar tal-valutazzjonijiet tal-impatt dwar iż-żewġ Direttivi u l-laqgħa tas-17 ta' Marzu 2022, ara l-Valutazzjonijiet tal-Impatt tad-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul u d-Direttiva dwar il-Permess Uniku, SWD (2022) 651 u SWD (2022) 656.

<sup>37</sup> *Ibid.*

<sup>38</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar rotot ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema ([2020/2010\(INI\)](#)); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar politika u liġi dwar il-migrazzjoni legali ([2020/2255\(INL\)](#)).

Filwaqt li jiffavorixxu s-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri, l-Istati Membri ġeneralment jippreferu jiffokaw fuq aspetti operazzjonali u ma jwettqux ħidma leġislattiva ġdida dwar il-migrazzjoni legali fil-livell tal-UE.

Sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-UE tal-migrazzjoni legali filwaqt li jiġu indirizzati t-talbiet tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri b'mod ibbilanċjat u prammatiku, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi **tliet pilastru ewlenin ta' politika sostenibbli tal-UE dwar il-migrazzjoni legali**:

- **pilastru leġiżlattiv**, li jirriformula mill-ġdid id-**Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul**<sup>39</sup> u d-**Direttiva dwar il-Permess Uniku**<sup>40</sup>, biex jissimplifika l-proċeduri għall-ammissjoni ta' ħaddiema ta' diversi livelli ta' ħiliet fl-UE, u l-mobbiltà fl-UE ta' ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE li diġà jinsabu fl-UE, u jtejjeb id-drittijiet tagħhom u l-protezzjoni tagħhom mill-isfruttament tax-xogħol;
- **pilastru operazzjonali**, li jindirizza l-isfida tat-tqabbil internazzjonali billi jistabbilixxi passi konkreti għall-iżvilupp ta' **Sħubijiet ta' Talent** ma' pajjiżi sħab ewlenin u l-karatteristiċi ewlenin ta' **Riżerva ta' Talent tal-UE**<sup>41</sup>; kif ukoll
- **pilastru li jħares 'il quddiem**, ibbażat fuq **tliet prijoritajiet speċifiċi għal azzjoni** li jenħtieġ li jiggwidaw aktar il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni legali: **il-kura, iż-żgħażaġh u l-innovazzjoni**.

## 2. PILASTRU LEĠIŻLATTIV: SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PROĊEDURI TAL-MIGRAZZJONI U T-TITJIB TAD-DRITTIJET TAL-ĦADDIEMA MIGRANTI

Id-**Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul** u d-**Direttiva dwar il-Permess Uniku** jistabbilixxu l-qafas f'termini ta' proċeduri u drittijiet għal parti kbira tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE. Madankollu, iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni ma laħqux bis-sħiħ l-oġettivi li għalihom ġew adottati għall-ewwel darba, fl-2003 u fl-2011 rispettivament. Id-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul ma tintużax biżżejjed mill-Istati Membri, u ma tippredix dritt effettiv għall-mobbiltà fl-UE. Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku ma laħqitx bis-sħiħ l-għan tagħha li tissimplifika l-proċeduri ta' ammissjoni għall-ħaddiema kollha minn pajjiżi li mhumiex fl-UE.

<sup>39</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul; ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.

<sup>40</sup> Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1-9.

<sup>41</sup> Filwaqt li jibni fuq l-istudju tal-OECD tal-2019 *Building an EU Talent Pool, A new approach for migration management for Europe* <https://www.oecd.org/publications/building-an-eu-talent-pool-6ea982a0-en.htm>, u l-OECD 2022 *Feasibility Study on the Development of an EU Talent Pool*.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qed tipproponi **riformulazzjoni kumplessiva taż-żewġ Direttivi**<sup>42</sup>. L-oġġettivi ewlenin huma li jitnaqqsu l-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-impjegaturi, jiġi evitat l-isfruttament tal-ħaddiema u jiġu appoġġati l-integrazzjoni u l-mobbiltà ulterjuri fl-UE ta' nazzjonali ta' pajjiżi mhux tal-UE li diġà qed jgħixu u jaħdmu fl-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttivi settorjali l-aktar reċenti. Fl-2023, se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-**Direttiva dwar il-ħaddiema Staġjonali u d-Direttiva dwar il-ħaddiema Trasferiti Intra-korporattivi**. Fir-rigward tad-Direttiva dwar il-ħaddiema Staġjonali, b'segwitu għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk ir-regoli kurrenti jipprovdux biżżejjed protezzjoni lill-ħaddiema staġjonali kontra l-isfruttament tal-ħaddiema. Se tikkunsidra wkoll il-ħtieġa għal emendi leġiżlattivi futuri.

## 2.1. Razzjonalizzazzjoni tal-proċedura ta' permess uniku

Id-**Direttiva dwar il-Permess Uniku** tissimplifika l-proċedura għaċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE li jixtiequ jemigraw lejn l-UE legalment għal skopijiet ta' xogħol. Hija tistabbilixxi proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess tax-xogħol u ta' residenza kkombinat (permess uniku). Tiżgura wkoll **trattament indaqs** bejn ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE u ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza, billi tipprovdi sett komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE<sup>43</sup>.

Ir-riformulazzjoni proposta tad-Direttiva se **tirrazzjonalizza l-proċedura ta' applikazzjoni u tagħmilha aktar effettiva**. Dan se jippermetti lill-applikanti japplikaw għal permessi kemm minn pajjiżi mhux tal-UE kif ukoll minn Stati Membri. Bħalissa, it-tul ta' żmien ġenerali tal-proċeduri ta' applikazzjoni<sup>44</sup> jiskoraġġixxi lill-impjegaturi li jagħmlu użu minn reklu ta' għid internazzjonali. It-tnaqqis tad-durata huwa mistenni jgħin biex l-UE ssir aktar attraenti u jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema fl-UE. Il-proposta tinkludi wkoll rekwiżiti ġodda biex **jissaħħu s-salvagwardji u t-trattament indaqs** ta' nazzjonali ta' pajjiżi mhux tal-UE meta mqabbla maċ-ċittadini tal-UE u tittejjeb il-protezzjoni tagħhom mill-isfruttament tal-ħaddiema. B'mod partikolari, skont ir-regoli l-ġodda proposti, il-permess uniku mhux se jkun marbut ma' impjegatur wieħed biss. Dan ifisser li fil-perjodu ta' validità tal-permess, il-ħaddiema se jkollhom id-dritt li jibdlu l-impjegatur filwaqt li jkomplu jirrisjedu legalment fl-Istat Membru. Dan se jiffaċilita l-adattament għas-suq tax-xogħol u jnaqqas il-vulnerabbiltà għall-isfruttament tal-ħaddiema. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi obbligi ġodda għall-

<sup>42</sup> COM(2022)650 u COM(2022)655.

<sup>43</sup> F'oqsma bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, u s-sigurtà soċjali.

<sup>44</sup> L-istudju tal-applikazzjoni Prattika tal-kontroll tal-idoneità juri li ż-żmien meħtieġ biex wieħed japplika għal viża xi drabi jestendi l-proċedura kumplessiva b'mod konsiderevoli, f'xi każijiet saħansitra bi 3 xhur.

Istati Membri biex jipprovdu għal spezzjonijiet, mekkaniżmi ta' monitoraġġ u sanzjonijiet kontra min iħaddem li jikser id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva.

## 2.2. Titjib tal-istatus ta' residenti fit-tul tal-UE

**Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul** għandha l-għan li toħloq sistema aktar effettiva, koerenti u ġusta biex jinkiseb status ta' residenti fit-tul fl-UE. Din is-sistema jenħtieġ li tkun għodda ewlenija għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE li stabbilew ruħhom legalment u fuq bażi fit-tul fl-UE.

Il-proposta għandha l-għan **li tagħmilha aktar faċli li jinkiseb status ta' residenti fit-tul tal-UE**, billi tippermetti lin-nazzjonali ta' pajjiżi terzi jakkumulaw perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit dwar it-tul ta' żmien tar-residenza; u billi jiġi ċċarat li l-perjodi kollha ta' residenza legali jenħtieġ li jingħaddu bis-sħiħ, inklużi l-perjodi ta' residenza bħala studenti, benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja, jew perjodi ta' residenza inizjalment ibbażati fuq raġunijiet temporanji.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ **id-drittijiet tar-residenti fit-tul u tal-membri tal-familja tagħhom**. Dan jinkludi **d-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jaħdem fi Stati Membri oħra**, li l-Parlament Ewropew<sup>45</sup> u xi partijiet ikkonċernati<sup>46</sup> talbu u li jenħtieġ li jkun kemm jista' jkun simili għad-dritt li jgawdu ċ-ċittadini tal-UE (fil-qafas legali applikabbli tal-UE). Il-fatt li nazzjonali ta' pajjiżi mhux tal-UE li diġà huma residenti fit-tul fl-UE fi Stat Membru wieħed jitħallew ibiddu l-impjegi u jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor għax-xogħol jista' jgħin biex titjeb l-effettività tas-suq tax-xogħol madwar l-UE, u jindirizza n-nuqqasijiet ta' hili u jiġu paċuti l-iżbilanċi reġjonali. Dan jista' jtejjeb ukoll l-attrattività kumplessiva tal-UE għat-talent barrani.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi mekkaniżmu biex jiġu żgurati **kundizzjonijiet ekwivalenti** bejn il-permess ta' residenza fit-tul tal-UE u l-permessi ta' residenza permanenti nazzjonali f'termini ta' proċeduri, drittijiet ta' trattament indaqs, u aċċess għall-informazzjoni, sabiex in-nazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE jkollhom għażla reali bejn iż-żewġ permessi. Tiffaċilita wkoll **il-migrazzjoni ċirkolari** billi tagħmilha aktar faċli għar-residenti fit-tul biex jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom mingħajr ma jutilfu d-drittijiet tagħhom, li hu ta' benefiċċju kemm għall-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll għall-pajjiżi ta' residenza.

<sup>45</sup> Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, *Rotot ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema* (2020/2010 ((INI)) (rapporteur: Sylvie Guillaume).

<sup>46</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12594-Public-consultation-on-legal-migration/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12594-Public-consultation-on-legal-migration/public-consultation_mt)

### 3. PILASTRU OPERAZZJONALI: APPOĠĠ GĦAL TQABBIL AĦJAR TAL-HILJET U L-ĦTIĠIJET GĦALL-UE U L-PAJJIŻI SĦAB

Flimkien mal-pilastru leġiżlattiv, il-Kummissjoni tipproponi li żżid b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni operazzjonali fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi sħab. Il-ħidma diġà tinsab avvanzata bit-twaqqif ta' Sħubijiet ta' Talent u r-Riżerva ta' Talent tal-UE, iż-żewġ inizjattivi ewlenin imħabbra skont il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Flimkien ma' impenn politiku msaħħaħ min-naħa tal-Istati Membri, il-Kummissjoni issa qed tipproponi pjan direzzjonali ċar biex tagħti l-ħajja lil dawn iż-żewġ inizjattivi importanti sa mhux aktar tard minn tmiem l-2022.

#### 3.1. Intejbu l-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi sħab permezz ta' Sħubijiet ta' Talent

Is-sħubijiet tat-Talenti huma **wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**. Dawn għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab u li jagħtu spinta lill-mobbiltà internazzjonali tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tat-talent b'mod ta' benefiċċju reċiproku u ċirkolari. Huma se jirfdu qafas ta' politika komprensiv u appoġġ finanzjarju biex jinvolvu pajjiżi sħab ewlenin b'mod strateġiku fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż ir-ritorn effettiv u r-riammissjoni, kif ukoll il-prevenzjoni ta' tluq irregolari. Kif deskritt fil-Patt Ġdid, l-iżvilupp ta' rotot legali jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari.

Il-Kummissjoni qed tmexxi l-iżvilupp tas-Sħubijiet tat-Talenti biex tiżgura li dawn jitħejjew **b'mod imfassal apposta u flessibbli** u jindirizzaw is-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-hiljet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab.

Is-sħubijiet tat-Talenti jenħtieġ li jikkombinaw **appoġġ dirett għal skemi ta' mobbiltà<sup>47</sup> għax-xogħol jew it-taħriġ mal-bini tal-kapaċità u l-investment fil-kapital uman**, inkluż l-iżvilupp tal-hiljet, l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-operazzjonalizzazzjoni ta' skemi ta' skambju bbażati fuq ix-xogħol<sup>48</sup>. Meta jagħmlu dan, huma għandhom l-għan li jiżguraw rebħa ugwali għall-pajjiżi sħab, l-Istati Membri, il-komunitajiet tan-negozju fuq iż-żewġ naħat u l-individwi li jibbenefikaw mis-sħubijiet. F'konformità mal-kooperazzjoni bilaterali tal-UE mal-pajjiżi sħab, dawn jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp ekonomiku tal-komunitajiet ta' orġini, imexxu 'l quddiem l-għanijiet ta' żvilupp usa' tal-pajjiżi sħab ewlenin u jsaħħu l-opportunitajiet għaċ-ċittadini tagħhom. Fl-istess ħin, dawn jenħtieġ li jgħinu biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet f'ċerti setturi tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u jgħinu lill-komunità tan-negozju fuq iż-żewġ naħat biex tibni l-hiljet fid-domanda. Dawn jenħtieġ li

<sup>47</sup> Dawn l-iskemi se jkollhom iqisu l-obbligi internazzjonali li jirriżultaw mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

<sup>48</sup> Jista' jkun hemm każijiet ta' Sħubijiet ta' Talent mingħajr komponent ta' mobbiltà, jew bil-maqlub b'komponent ta' mobbiltà biss, jekk dan ikun miftiehem kemm mill-UE kif ukoll mill-pajjiż sieħeb.

jitransformaw ir-riskju ta' eżodu ta' mħuħ minn pajjiżi sħab f' **kisba ta' mħuħ** għas-sħab kollha, għall-benefiċċju ta' dawk involuti peress li jaċċessaw opportunitajiet ta' taħriġ imġedda, esperjenzi professjonali u studju addizzjonali jew edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali żviluppati jew fl-UE jew fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

Is-Sħubijiet tat-Talenti se jkunu miftuħa għal-**livelli kollha tal-ħiliet** u jistgħu jikkonċernaw **diversi setturi ekonomiċi** bħall-ICT, ix-xjenza, l-ingerinija, is-saħħa<sup>49</sup> u l-kura fit-tul, l-agrikoltura, it-trasport, l-ortikultura, l-ipproċessar tal-ikel u t-turiżmu, il-kostruzzjoni u x-xogħol tal-portijiet, it-trasport u l-loġistika, **skont l-interessi taż-żewġ naħat** li qed isawru s-Sħubijiet tat-Talenti filwaqt li jibqgħu **konxji tar-riskji tal-eżodu tal-imħuħ**. Dawn se jipprovdu għal **diversi tipi ta' mobiltà**: ta' natura temporanja, fit-tul jew ċirkolari, kif miftiehem miż-żewġ naħat. Jenħtieġ li b'mod partikolari jqisu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jappoġġaw is-swieq tax-xogħol bil-għan li jixprunaw il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE, filwaqt li jrawmu teknoloġiji u soluzzjonijiet li jħarsu lejn il-futur.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-**parteċipazzjoni ta' diversi Stati Membri** fi Sħubija ta' Talent waħda għal kull pajjiż sieħeb. Dan se jippermetti firxa usa' ta' attivitajiet, diversi tipi ta' mobiltà għal diversi ħiliet u setturi ekonomiċi, impatt aktar b'saħħtu kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-pajjiżi sħab, u valur miżjud għall-karriera tal-individwi.

Is-**sjieda konġunta tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab** ta' Sħubija ta' Talent hija kruċjali biex tiġi żgurata l-iskalabbiltà u biex tinkiseb kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku u sostenibbli. Is-sħubijiet tat-Talenti se jkollhom bżonn jadattaw li-ħtiġijiet u l-ħiliet reali tas-suq tax-xogħol fuq iż-żewġ naħat. Is-sħubijiet jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju għall-partijiet interessati pubbliċi u privati bħal impjegaturi, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-organizzazzjonijiet tad-dijaspora. Fl-ispirtu tal-**approċċ tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa**<sup>50</sup>, is-Sħubijiet ta' Talent jenħtieġ li jimmobilizzaw kemm l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri u s-settur privat<sup>51</sup> kif ukoll il-fondi tal-pajjiżi sħab kif xieraq. Flimkien ma' involviment qawwi minn diversi partijiet ikkonċernati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent.

### ***Operazzjonalizzazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent***

L-inizjattiva ta' Sħubijiet ta' Talent tnediet f'avveniment ta' livell għoli f'Ġunju 2021<sup>52</sup>. Minn dakinhar, il-Kummissjoni involviet ruħha fl-iskambju ta' fehmiet mal-Istati Membri dwar il-

<sup>49</sup> F'konformità sħiħa mal-Artikolu 5.1 tal-kodiċi ta' kondotta tad-WHO għar-reklutaġġ internazzjonali tal-persunal tas-saħħa, [https://cdn.who.int/media/docs/default-source/health-workforce/migration-code/code\\_en.pdf?sfvrsn=367f7d35\\_5&download=true](https://cdn.who.int/media/docs/default-source/health-workforce/migration-code/code_en.pdf?sfvrsn=367f7d35_5&download=true)

<sup>50</sup> Il-migrazzjoni legali hija komponent tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa għar-rotot tal-Mediterran Ċentrali u tal-Mediterran tal-Punent/tal-Atlantiku.

<sup>51</sup> Skont l-attivitajiet ta' kull Sħubija ta' Talent, l-investimenti tas-settur pubbliku jistgħu jiġu s-supplimentati minn fondi tas-settur privat, b'mod partikolari minn dawk il-kumpaniji li se jibbenefikaw minn ħaddiema tas-sengħa u se jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul ta' tali attivitajiet.

<sup>52</sup> [Sħubijiet tat-Talenti \(europa.eu\)](https://europa.eu).

kunċettwalizzazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tas-sħubijiet, organizzat djalogi ta' livell għoli ma' pajjiżi sħab u integrat is-Sħubijiet ta' Talent fl-ippjanar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

Is-sħubijiet tat-Talenti se jibnu fuq l-esperjenza ta' proġetti pilota eżistenti. Fl-istess ħin, se jipprovdu għal kooperazzjoni ġdida, aktar strateġika u msaħħa mal-pajjiżi sħab dwar il-migrazzjoni legali. Il-qafas strutturat tas-Sħubijiet tat-Talenti, flimkien ma' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni robusti, se jiżguraw li l-oġettivi politiċi tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab jitqiesu u jissarrfu f'azzjoni tanġibbli fil-forma ta' programmi konkreti.

Flimkien mas-sħab rilevanti tas-Sħubija tat-Talenti, il-Kummissjoni se tiżgura li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' koordinazzjoni xieraq fil-livell tekniku - kemm biex jikkoordina l-attivitajiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati min-naħa tal-UE, kif ukoll mal-pajjiżi sħab flimkien. Dan il-mekkaniżmu se jimmonitorja l-implimentazzjoni tas-sħubija u l-attivitajiet tagħha u jiżgura l-komplementarjetà mal-inizjattivi rilevanti l-oħra kollha fil-qasam tal-migrazzjoni u l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol.

## Erba' passi għall-operazzjonalizzazzjoni ta' Sħubija ta' Talent tal-qies

Il-Kummissjoni tikkonsulta l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, f'kooperazzjoni mad-Delegazzjonijiet rilevanti tal-UE, dwar il-varar ta' Sħubija ta' Talent speċifika li tikkunsidra l-istat kumplessiv tar-relazzjonijiet u tal-ħtiġijiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab u l-interessi f'kooperazzjoni kumplessiva dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tat-talent.

Wara, il-Kummissjoni torganizza laqgħat mal-Istati Membri interessati biex tikkondividi għarfien dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħhom u l-inizjattivi li jinsabu għaddejjin u huma previsti mal-pajjiżi sħab speċifiku. B'mod parallel, il-Kummissjoni twettaq analiżi tad-*data* disponibbli dwar is-swieq tax-xogħol tal-pajjiżi sħab, interessi u potenzjal u fejn rilevanti tagħmel diskussjonijiet mar-rappreżentanti tas-settur privat.

Is-Servizz tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u d-Delegazzjoni tal-UE se jikkoperaw u jmxexxu d-diskussjonijiet mal-pajjiżi sħab rilevanti bil-għan li tkun żviluppata b'mod konġunt Sħubija ta' Talent speċifika. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernat, wara torganizza diskussjoni teknika tal-partijiet kkonċernati tal-UE u l-pajjiżi sħab. Din id-diskussjoni se tittratta d-disinn tas-sħubija speċifika u l-qbil dwarha.

Ladarba jkun hemm qbil kumplessiv dwar il-kontenut, id-disinn u l-implimentazzjoni tas-Sħubija ta' Talent ma' pajjiżi sħab speċifiku, u kumbinament ta' strumenti finanzjarji se jimmobilizzaw finanzjament. B'mod partikolari, dawn l-istrumenti se jkunu l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI-Ewropa Globali) u l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Asylum, Migration and Integration Fund, AMIF), il-fondi proprji tal-Istati Membri u fondi tas-settur privat, jew saħansitra fondi ta' pajjiżi sħab, skont il-possibilitajiet u l-prijoritajiet. Il-formulazzjoni ta' azzjoni tanġibbli skont NDICI-Ewropa Globali huwa proċess li jinsab għaddej, abbażi tad-dokumenti ta' programmazzjoni adottati li jkopru l-perjodu bejn l-2021 u l-2027. Se jkun essenzjali li jsir użu minn fondi tas-settur privat, b'mod partikoari minn dawk il-kumpaniji li se jibbenefikaw minn haċċiem bħala parti mill-attivitajiet tas-Sħubija ta' Talent u jkun żgurati l-impatt fuq żmien twil u s-sostenibbiltà ta' tali skemi.

SĦUBIJA TA' TALENT TAL-QIES



Bħala l-ewwel pass, wara diskussjonijiet ta' livell għoli, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni, abbażi ta' kooperazzjoni b'saħħitha u kontinwa dwar l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni skont l-approċċ komprensiv tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, inkluż dwar il-migrazzjoni irregolari, li tnedi l-ewwel Sħubijiet ta' Talent mas-**sħab tal-Afrika ta' Fuq, b'mod partikolari l-Eġittu, il-Marokk u t-Tuneżija biex l-implimentazzjoni tagħhom tibda sa tmiem l-2022**. Il-ħidma fuq is-Sħubijiet ta' Talent se tibni fuq proġetti pilota ta' suċċess żviluppati ma' dawn is-sħab, filwaqt li tespandi l-ambitu u l-livell ta' ambizzjoni tagħhom<sup>53</sup>, filwaqt li takkumpanjahom b'qafas usa' għall-kooperazzjoni, li għandu jiġi definit mal-Istati Membri u l-pajjiżi sħab rispettivi, u jimmobilizza l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess.

Bħala parti minn approċċ gradwali, it-tnedija ta' Sħubijiet ta' Talent ma' **pajjiżi sħab oħra fl-Afrika u fl-Asja** se tkun il-pass naturali li jmiss fil-proċess ta' kooperazzjoni msaħħa dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. B'mod partikolari, mill-ħarifa tal-2022, b'mod parallel mal-implimentazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent li se jitnedew mal-Eġittu, il-Marokk u t-Tuneżija, huwa previst li tibda tiġi vvalutata l-fattibbiltà tat-tnedija ta' Sħubijiet Talenti mal-Pakistan, il-Bangladesh, is-Senegal u n-Niġerja, bħala wieħed mill-komponenti ewlenin ta' kooperazzjoni msaħħa fil-ġestjoni tal-migrazzjoni ma' dawn il-pajjiżi.

### **3.2. Żvilupp ta' Riżerva ta' Talent tal-UE biex l-impjegaturi tal-UE jitqabblu aħjar mat-talenti li jeħtieġu**

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tistabbilixxi **l-ewwel pjattaforma għall-UE kollha u għodda ta' tqabbil, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE**<sup>54</sup> biex tgħin biex l-UE ssir aktar attraenti għaċ-ċittadini minn pajjiżi mhux tal-UE u biex tindirizza l-isfida li l-impjegaturi tal-UE jitqabblu mat-talent li ma jistgħux isibu fis-suq tax-xogħol tal-UE. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se jkun riżerva ta' kandidati madwar l-UE kollha minn pajjiżi mhux tal-UE, li se jintgħażlu abbażi ta' livelli ta' ħiliet speċifiċi, kriterji u rekwiżiti ta' migrazzjoni, wara skrinjar tal-kredenzjali tal-kandidati<sup>55</sup>.


---

<sup>53</sup> Bħall-proġetti pilota THAMM bejn il-Ġermanja, il-Belġju u Franza mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu); PALIM bejn il-Belġju u l-Marokk; HOMERe Bejn Franza, il-Marokk, l-Eġittu u t-Tuneżija; YGCA bejn Spanja u l-Marokk; MENTOR 2 bejn l-Italja, il-Marokk u t-Tuneżija; MOVE\_GREEN bejn Spanja u l-Marokk u WAFIRA bejn Spanja u l-Marokk.

<sup>54</sup> OECD 2022 Studju tal-Fattibbiltà dwar l-iżvilupp ta' Riżerva ta' Talent tal-UE..

<sup>55</sup> ir-riżerva ta' Talent tal-UE u l-inizjattiva pilota tagħha se jiġu implimentati f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1) u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, ufficijji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Matul it-tħejjija ta' din il-ħidma, tfaċċat hteġa ġdida u urġenti bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jiġifieri, il-hteġa li jiġu ffaċilitat l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE għall-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja. Biex twieġeb għal din l-isfida u tagħmel l-aħjar użu mill-ħiliet tal-persuni spostati, il-Kummissjoni ħabbret li se tnedi **Riżerva ta' Talent Pilota tal-UE għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna** sas-sajf tal-2022. Din l-inizjattiva pilota bbażata fuq l-internet se tagħmilha possibbli li jiġu identifikati u mmappjati l-ħiliet tal-persuni li ħarbu mill-Ukrajna u li huma preżenti fl-Istati Membri, biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil tagħhom mal-impjegaturi tal-UE. Il-proġett pilota se jqis l-inizjattivi ta' suċċess li għaddejjin fl-Istati Membri (eż. fil-Portugall u fir-Rumanija). Dan se jiġi żviluppjat f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, kif ukoll f'konsultazzjoni mal-impjegaturi, mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha. Il-proġett pilota jista' jiffaċilita t-tqabbil intra-UE u jagħti lill-awtoritajiet ħarsa ġenerali lejn il-firxa wiesgħa ta' ħiliet li jistgħu jiġu mobilizzati f'pajjiżhom. Dan jista' jiffaċilita t-tqabbil f'setturi ta' prijorità fir-rigward tal-għadd kbir ta' refuġjati li jaslu mill-Ukrajna bħall-edukazzjoni għat-tfal li jaslu (iffaċilitata bl-organizzazzjoni ta' servizzi komunitarji) jew l-aċċess għal servizzi bażiċi u kura tas-saħħa (ipprovduti minn professjonisti tas-saħħa jew interpreti).



Il-Kummissjoni diġà stabbiliet grupp tematiku ddedikat ta' punti ta' kuntatt mill-Istati Membri interessati li jipparteċipaw fl-inizjattiva pilota fil-qafas tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni. Sas-sajf, il-grupp tematiku se jiżviluppa u jimplementa l-inizjattiva pilota. Se jkun disponibbli portal web, li jippermetti lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja jirreġistraw l-interess tagħhom li jsibu impjieġ fl-Istati Membri u jippreżentaw il-ħiliet u l-esperjenza professjonali tagħhom. It-tfassil ta' dan il-portal se jinkorpora aspetti tal-Għodda


tal-UE għall-Profil tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, l-għodda ddedikata tal-UE biex jiġu mmappjati u dokumentati l-ħiliet tan-nazzjonali ta' pajjiżi mhux tal-UE. Fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva, se tiġi mfittxija l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Ukreni, anki dwar l-iffaċilitar tar-rikonossiment tal-kwalifiki f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki għal persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna<sup>56</sup>.

**Riżerva ta' Talent tal-UE** permanenti u ġenerali għan-nazzjonali kollha ta' pajjiżi mhux tal-UE li huma interessati li jemigraw biex jgħixu u jaħdmu fl-UE, se tiġi żviluppata b'mod parallel ma' din l-inizjattiva pilota, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħall-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, is-sħab soċjali u ċ-ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. **Sa nofs l-2023, il-Kummissjoni għandha l-għan li tniedi formalment ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-portal web tagħha** – u se tipproponi rakkomandazzjoni li tistabbilixxi r-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi memorandum u statut ta' assoċjazzjoni u pjan direzzjonali dettaljat għall-fażijiet ta' żvilupp gradwali tagħha<sup>57</sup>. Il-grupp tematiku li jaħdem fuq il-proġett pilota se jmexxi wkoll it-tfassil tal-istruttura organizzazzjonali, l-istruttura ta' governanza u l-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-funzjonament tal-inizjattiva pilota. Dan se jinkludi, fost l-oħrajn, id-determinazzjoni ta' liema ħiliet huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol tal-UE, qbil dwar il-kriterji ta' ammissjoni rilevanti, l-organizzazzjoni tal-proċess ta' ammissjoni u l-koordinazzjoni tal-aċċess potenzjali tal-impjegaturi għar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Għalhekk, l-impenn sħiħ u l-involvement attiv tal-Istati Membri parteċipanti se jkunu kruċjali għall-iżvilupp u l-operazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

---

<sup>56</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/554 tal-5 ta' April 2022 dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni tar-Russja tal-Ukrajna, C/2022/2319.

<sup>57</sup> Aktar informazzjoni dwar l-istruttura possibbli tar-Riżerva ta' Talent tal-UE hija ppreżentata fl-Anness.



### 3.3. Titjib tal-governanza tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tal-UE

Il-progress fil-qasam tal-migrazzjoni tal-ħaddiema u s-suċċess tal-inizjattivi l-ġodda msemmija hawn fuq se jiddependu fuq kooperazzjoni aktar mill-qrib u fehim aħjar bejn is-setturi tal-migrazzjoni u tal-impjegi. B'dan il-pakkett, **il-Kummissjoni qed tnedi pjattaforma ġdida** li se tippermetti **diskussjonijiet operazzjonali dwar kwistjonijiet prattiċi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema**, b'mod partikolari dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-migrazzjoni, in-nuqqas ta' ħaddiema u kwistjonijiet marbuta mal-proċessi tas-suq tax-xogħol. L-operazzjonalizzazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent u r-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun appoġġata mill-ħidma tal-pjattaforma. Id-diskussjonijiet jistgħu **jikkontribwixxu għal aktar skambji politiċi** f'fora xierqa, pereżempju fil-livell tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew. Ir-rappreżentanti tas-sħab soċjali, l-Aġenziji tal-UE, is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi, l-esperti, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti u atturi ewlenin oħra jkunu involuti fid-diskussjonijiet meta rilevanti.

## 4. PILASTRU LI JĦARES 'IL QUDDIEM: OQSMA PRIJORITARJI EWLENIN TA' AZZJONI

Lil hinn mill-miżuri leġiżlattivi u operazzjonali immedjati deskritti hawn fuq, trid tkompli l-ħidma biex jiġu esplorati aktar toroq potenzjali għall-migrazzjoni legali lejn l-UE fuq **terminu medju sa twil**. Il-Kummissjoni tara l-potenzjal li tiffoka politiki li jħarsu 'l quddiem madwar tliet oqsma ta' azzjoni: **kura, iż-żgħażaġh u l-innovazzjoni**.

Dawn it-tliet oqasma jikkorrispondu għal **tliet prijoritajiet politiċi importanti**, enfasizzati wkoll mill-Parlament Ewropew fir-rapport leġislattiv fuq inizjattiva proprja reċenti tiegħu<sup>58</sup>: l-attrazzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi u medji minn pajjiżi mhux tal-UE, f'setturi fejn hemm nuqqas u ħtiġijiet sinifikanti ta' ħaddiema, eż. kura fit-tul; il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għaż-żgħażaġh minn ġewwa u minn barra l-UE; u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-UE u l-investment fis-sovranità teknoloġika tal-UE.

#### 4.1. Nattiraw ħaddiema fil-qasam tal-kura fit-tul minn pajjiżi mhux tal-UE

Id-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu tal-UE mmodernizzat ir-regoli biex tattira ħaddiema b'ħiliet għolja minn pajjiżi mhux tal-UE. B'segwitu ta' dan, il-Kummissjoni se tħares lejn kif tista' tattira aħjar ħaddiema b'ħiliet baxxi u medji meħtieġa fis-suq tax-xogħol tal-UE. Is-sħubijiet ta' Talent se jkunu mmirati lejn ħaddiema bil-livelli kollha ta' ħiliet, inklużi dawk baxxi u medji. Il-grupp ta' Talenti tal-UE propost se jagħmilha possibbli wkoll li jiġu attirati ħaddiema b'sett wiesa' ta' ħiliet, tal-inqas fuq perjodu itwal ta' żmien. Il-kontroll tal-idoneità wera li hemm ħtieġa għal ħaddiema b'ħiliet medji u baxxi fl-UE<sup>59</sup>, iżda li l-impjegi u l-ħtiġijiet ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Din hija kategorija kbira u varjata ħafna ta' ħaddiema, li tvarja minn ħaddiema agrikoli u sewwieqa ta' vetturi tqal u tat-trakkijiet għal tekniċi tal-operazzjonijiet tal-IT. Din il-kategorija tkopri diversi livelli ta' ħiliet, setturi, u oqfsa politiċi u legali fl-Istati Membri kollha.

Għalhekk, il-Kummissjoni tiffavorixxi approċċ gradwali. Hija tipproponi li l-ewwel tiffoka fuq settur fejn hemm benefiċċju ċar għal azzjoni fil-livell tal-UE: kura fit-tul.

It-tfassil u l-maturità tas-sistemi tal-kura fit-tul ivarjaw ħafna madwar l-UE, iżda l-pajjiżi kollha jiffaċċjaw **sfidi komuni**: il-ħtieġa li tiġi pprovduta kura aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja fl-isfond ta' domanda dejjem tikber għal kura tas-saħħa u soċjali u nuqqas ta' persunal f'popolazzjoni li qed tixjieħ. Il-ħaddiema migranti, u b'mod partikolari n-nisa, jiffurmaw parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol tal-kura fit-tul<sup>60</sup>. Matul il-kriżi tal-COVID-

<sup>58</sup> 2020/2255(INL).

<sup>59</sup> Hemm issikkar ġenerali tas-suq tax-xogħol għal dawn il-livelli ta' ħiliet, ara wkoll il-Fond Monetarju Internazzjonali, *Labor Market Tightness in Advanced Economies*, Marzu 2022. Ara wkoll l-impjegi li għandhom nuqqas ta' ħaddiema l-aktar irrapportati fl-2021 fl-UE: L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, *Analysis of shortage and surplus occupations*; 2021 <https://www.ela.europa.eu/en/news/analysis-shortage-and-surplus-occupations-2021>.

<sup>60</sup> 4,5 % tal-ħaddiema huma minn barra l-UE: Eurofound 2020, *Long-term care workforce: employment and working conditions*, <https://www.eurofound.europa.eu/publications/customised-report/2020/long-term-care-workforce-employment-and-working-conditions>; *Immigrant Key Workers: Their Contribution to Europe's COVID-19 Response JRC 2020*: <https://ec.europa.eu/jrc/en/news/crucial-contribution-migrant-workers-europes-coronavirus-response>: il-migranti rrappreżentaw 10,3 % tal-ħaddiema tal-kura personali. Għal studju fil-fond tal-ħaddiema immigranti fis-settur tal-kura tas-saħħa, ara Grubanov-Boskovic, S., Ghio, D., Goujon, A., Kalantaryan, S., Belmonte, M., Scipioni, M., Conte, A., Gómez-González, E., Gomez Gutierrez, E., Tolan, S., Martinez Plumed, F., Pesole, A., Fernandez Macias, E. and Hernandez-Orallo, J., *Healthcare and long-term care workforce: demographic challenges and potential contribution of migration and digital technology*, EUR 30593 EN, Publications Office of

19, il-kura fit-tul ħarġet bħala servizz essenzjali pprovdut minn ħaddiema ewlenin. Madankollu, l-investment limitat fis-settur, il-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u n-nuqqas ta' persunal li rriżulta żiedu mal-isfidi sinifikanti fl-iżgurar tal-kontinwità tas-servizzi tal-kura u r-rispons xieraq għall-pandemija<sup>61</sup>.

L-Istati Membri jsibuha diffiċli biex jattiraw u jżommu l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa. Fis-settur tal-kura fit-tul, **huwa mistenni li sal-2030<sup>62</sup> jitfaċċaw sa 7 miljun opportunità ta' impjeg għal professjonisti assoċjati tas-saħħa u ħaddiema tal-kura personali<sup>63</sup>**, u se jkunu koperti biss parzjalment mis-suq tax-xogħol tal-UE.

Il-perkorsi legali għall-ħaddiema tal-kura fit-tul huma rregolati fil-livell nazzjonali, b'taħlita ta' diversi regoli u kundizzjonijiet<sup>64</sup>. Hemm bżonn li jiġi vvalutat jekk u sa liema punt il-livell tal-UE jista' jgħin biex titjeb l-ammissjoni fl-UE ta' din il-kategorija ta' ħaddiema essenzjali. Titjeb bħal dan ikun ta' benefiċċju kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-pajjiżi ta' oriġini, filwaqt li jiżgura reklutaġġ etiku u standards għoljin.

Is-Sħubijiet tat-Talenti jistgħu jappoġġaw dan l-oġettiv, billi jippromwovu t-taħriġ tal-ħaddiema tal-kura fit-tul, flimkien ma' kooperazzjoni usa' mal-pajjiżi sħab, fost l-oħrajn fl-iżvilupp ta' modi li bihom il-professjonisti barranin u d-dijaspora jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitàjiet fil-pajjiż ta' oriġini<sup>65</sup>. Dan jgħin biex jittaffa r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ fis-setturi tal-kura tal-pajjiżi ta' oriġini.

Iż-żieda fl-għoti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal permezz tar-reviżjoni ppjanata tal-miri ta' Barċellona tagħmel aktar ħaddiema tal-kura fit-tul disponibbli għas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, bħala parti mill-istrateġija Ewropea tal-kura prevista għall-2022, u f'konformità

---

the European Union, Luxembourg, 2021, ISBN 978-92-76-30233-9 (online), 978-92-76-30232-2 (print), doi:10.2760/33427 (online),10.2760/234530 (print), JRC121698.

<sup>61</sup> Eurofound 2020, *Long-term care workforce: employment and working conditions*.

<sup>62</sup> 2021 European Commission Long-Term Care Report: Trends, challenges and opportunities in an ageing society.

<sup>63</sup> L-użu tal-kura informali jvarja minn madwar 30 % għal madwar 85 % madwar l-Istati Membri. Il-kura formali fit-tul hija tipikament ipprovduta minn forza tax-xogħol kwalifikata u tista' tingħata f'ambjenti differenti (kura residenzjali, kura formali fid-dar jew kura semiresidenzjali). Il-ħaddiema tal-kura formali fit-tul jinkludu ħaddiema tal-kura soċjali (bħal ħaddiema tal-kura personali jew konsulenti) u ħaddiema tal-kura tas-saħħa (bħal infermiera ġerjatriċi jew infermiera oħra) kif ukoll gruppi speċifiċi bħal indoktraturi residenti (ħaddiema li jgħixu fl-unità domestika tar-riċevitur tal-kura u li jipprovdu appoġġ għall-kura). Il-maġġoranza l-kbira tal-ħaddiema tal-kura fit-tul formali huma indoktraturi personali, u l-biċċa l-kbira tal-forza tax-xogħol hija impjegata fil-kura residenzjali. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-kura fit-tul għandhom livell medju ta' kisba edukattiva. Ara 2021 European Commission Long-Term Care Report: Trends, challenges and opportunities in an ageing society.

<sup>64</sup> JRC, *Healthcare and long-term care workforce: demographic challenges and potential contribution of migration and digital technology*.

<sup>65</sup> Kwalunkwe programm ta' segwitu jeħtieġ li jqis l-obbligi internazzjonali li jirriżultaw mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

mal-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>66</sup> u l-Green Paper dwar it-Tixji<sup>67</sup>, **il-Kummissjoni se tnedi mmappjar tal-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u d-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura fit-tul minn pajjiżi mhux tal-UE fl-Istati Membri u l-ħtiġijiet f'dan ir-rigward, bil-ħsieb li tesplora l-valur miżjud u l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' skema ta' ammissjoni legali fil-livell tal-UE biex tattira tali ħaddiema<sup>68</sup>.**

Din l-analiżi se tħares bir-reqqa lejn l-impatti soċjali u ekonomiċi li tali skemi fil-livell tal-UE jista' jkollhom, b'mod partikolari fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-salarji, tal-ħaddiema tal-kura fit-tul fl-UE. Se tqis ukoll l-impatt fuq il-pajjiżi ta' orġini u teżamina arranġamenti possibbli li jippermettu ftehimiet ta' benefiċċju għal kulħadd. Jistgħu jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ li għandhom l-għan ukoll li jżidu l-għadd ta' persunal disponibbli f'dawk il-pajjiżi li mhumiex fl-UE. L-analiżi se tkopri wkoll **l-istandards ta' etika tar-reklutaġġ** kif promossi mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa<sup>69</sup>.

#### 4.2. Promozzjoni tal-mobilità taż-żgħażaġh

**L-iskemi tal-mobilità taż-żgħażaġh** huma mfassla biex jagħtu liż-żgħażaġh l-opportunità li jgħixu, jaħdmu u jiksbu esperjenza f'pajjiż ieħor, filwaqt li jrawmu skambji kulturali u jsaħħu r-rabtiet bejn il-pajjiżi. L-iskemi tal-mobiltà taż-żgħażaġh li jeżistu madwar id-dinja normalment jimmiraw lejn nazzjonali żgħażaġh ta' pajjiżi terzi (eż. bejn it-18 u t-30 sena), b'ċertu livell ta' edukazzjoni. Jiġu f'pajjiż biex jivvjaġġaw, jaħdmu u jgħixu għal perjodu ta' żmien limitat u li ma jiġġeddidx, jekk ikollhom biżżejjed fondi, assigurazzjoni tas-saħħa jew tal-ivvjaġġar u l-ebda dipendenti. Offerta ta' impjeg mhix meħtieġa biex tapplika għal dawn l-iskemi ta' mobilità taż-żgħażaġh.

**Skema ta' Mobiltà taż-Żgħażaġħ tal-UE** tista' tagħmel lill-UE kollha kemm hi destinazzjoni aktar attraenti<sup>70</sup>. Dan tagħmlu billi tagħti liż-żgħażaġh tas-sengħa minn pajjiżi mhux tal-UE l-possibbiltà li jiġu fl-UE biex jirrisjedu, jivvjaġġaw u jaħdmu għal perjodu limitat ta' żmien (mhux rinnovabbli). Il-kundizzjonijiet (età, livell ta' edukazzjoni u fondi suffiċjenti) ikunu simili għal dawk li japplikaw taħt skemi nazzjonali. Skemi bħal dawn jistgħu jirregolaw, fil-livell tal-UE, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' ammissjoni, kif ukoll id-drittijiet ta' ċittadini żgħażaġh ta' pajjiżi mhux tal-UE li jipparteċipaw fl-iskema. Sabiex jiġu attirati aħjar iż-żgħażaġh tas-sengħa u tinkiseb ekonomija ta' skala, jista' jiġi esplorat

<sup>66</sup> <https://op.europa.eu/webpub/empl/european-pillar-of-social-rights/mt/index.html>  
<https://op.europa.eu/webpub/empl/european-pillar-of-social-rights/mt/index.html>

<sup>67</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12722-Il-bidla-demografika-fl-Ewropa-Green-Paper-dwar-it-tixji%C4%A7\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12722-Il-bidla-demografika-fl-Ewropa-Green-Paper-dwar-it-tixji%C4%A7_mt) [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12722-Il-bidla-demografika-fl-Ewropa-Green-Paper-dwar-it-tixji%C4%A7\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12722-Il-bidla-demografika-fl-Ewropa-Green-Paper-dwar-it-tixji%C4%A7_mt)

<sup>68</sup> Bl-eċċezzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet għolja diġà koperti mill-Karta Blu tal-UE.

<sup>69</sup> 2010 WHO Global Code of Practice on the International Recruitment of Health Personnel. [Microsoft Word - WHO global code of practice EN.doc](#)

<sup>70</sup> OECD, *Recruiting Immigrant Workers – Europe 2016*.

ukoll mal-Istati Membri jekk hemmx il-possibbiltà li dawn iż-żgħażaġh jingħataw drittijiet ta' mobbiltà fl-UE<sup>71</sup>.

Huwa importanti li jinfetħu l-possibbiltajiet għall-ivvjaġġar u x-xogħol biex jinkisbu esperjenzi ġodda u jiġu żviluppati ħliet barra mill-pajjiż. Dan japplika mhux biss għal nazzjonali żgħażaġh ta' pajjiżi mhux tal-UE, iżda wkoll għal ċittadini żgħażaġh tal-UE. Għalhekk, Skema Ewropea tal-Mobilità taż-Żgħażaġħ tkun teħtieġ li tiġi kkumplimentata bi **ftehimiet jew arranġamenti reċiproċi ma' pajjiżi mhux tal-UE rigward** il-kundizzjonijiet u d-drittijiet ta' ammissjoni, filwaqt li tħalli l-possibbiltà għall-Istati Membri li jistabbilixxu kwoti għal żgħażaġh ammessi li jiġu fl-UE.

**Il-Kummissjoni se tesplora l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' Skema Ewropea ta' Mobilità taż-Żgħażaġħ, li tittestja diversi għażliet b'mod partikolari għal ftehimiet ma' pajjiżi mhux tal-UE li jippermettu r-reċiproċità<sup>72</sup>.** Dan il-proċess se jitmieda fit-tielet kwart tal-2022, fil-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni, li jiġbor il-migrazzjoni u jistieden ukoll lill-partijiet interessati żgħażaġh, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022.

#### **4.3. Iffaċilitar tal-ammissjoni ta' fundaturi ta' negozji ġodda fil-livell tal-UE**

Dawn l-aħħar snin raw żieda fl-iskemi nazzjonali ta' ammissjoni għal **"intraprendituri innovattivi" u fundaturi ta' negozji ġodda**, kemm fl-UE kif ukoll globalment<sup>73</sup>.

Dawn l-iskemi jikkonsistu minn inċentivi bħal viżi speċjali jew permessi ta' residenza għal intraprendituri innovattivi minn barra l-pajjiż. Xi ħaġa komuni għall-iskemi kollha hija li jimmiraw għal tip speċifiku ta' negozju, jiġifieri negozji innovattivi, skalabbli u/jew li għandhom valur miżjud fl-ekonomija nazzjonali jew l-ambjent tan-negozju<sup>74</sup>.

In-negozji ġodda u l-intraprenditorija b'mod ġenerali jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku u l-innovazzjoni tal-UE. Huma wkoll ċentrali għat-**tranżizzjonijiet doppji tal-UE lejn ekonomija sostenibbli u diġitali**. F'dan il-kuntest, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u

<sup>71</sup> Mingħajr ma jkollhom għalfejn japplikaw għal viża għal kull pajjiż li fih jixtiequ jaħdmu.

<sup>72</sup> Kwalunkwe programm ta' segwitu jeħtieġ li jqis l-obbligi internazzjonali li jirriżultaw mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

<sup>73</sup> Il-valutazzjoni tal-impatt li tinfed ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Karta Blu inkludiet immappjar ta' skemi mmirati lejn fundaturi u intraprendituri ta' negozji ġodda ([https://ec.europa.eu/home-affairs/what-is-new/work-in-progress/initiatives/avzbt\\_intro\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/what-is-new/work-in-progress/initiatives/avzbt_intro_en)). Studju mwettaq mill-EMN aġġorna dan l-immappjar fi tmiem l-2019 (<https://emnbelgium.be/sites/default/files/publications/Migratory%20Pathways%20for%20Start-Ups%20and%20Innovative%20Entrepreneurs%20in%20the%20European%20Union.pdf>).

<sup>74</sup> Ħdax-il Stat Membru jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Kundizzjonijiet oħra ta' ammissjoni jinkludu livell minimu ta' kapital, parteċipazzjoni fi skema ta' sponsorizzazzjoni jew appoġġ, prova ta' riżorsi suffiċjenti, assigurazzjoni, ċertu livell ta' kwalifiki u/jew ħliet lingwistiċi.

l-Inklużjoni enfasizza l-kontribut sinifikanti tal-intraprendituri migranti għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi u r-rwol tagħhom fl-appoġġ tal-irkupru wara l-COVID-19.

**Il-miżuri tal-UE jistgħu jiffaċilitaw aktar l-aċċess ta' intraprendituri innovattivi u fundaturi ta' negozji ġodda għas-suq uniku kollu tal-UE billi jappoġġaw l-ammissjoni tagħhom u l-ħolqien tan-negozju tagħhom.** Miżuri bħal dawn jgħinu biex jattiraw l-aħjar talent u b'hekk jippromwovu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-UE. Dan ikun konformi mal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Ewropa u l-appoġġ ġenerali tal-UE għall-ħolqien ta' negozji. Dan l-appoġġ ġenerali jinkludi l-istabbiliment ta' ambjent li jiffavorixxi n-negozju, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, it-titjib tal-aċċess għal swieq ġodda u l-internazzjonalizzazzjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi, u l-appoġġ għall-kompetittività u l-innovazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju<sup>75</sup>. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex tappoġġa l-intraprendituri fost il-persuni spostati mill-Ukrajna, billi tħares b'mod partikolari lejn miżuri li jgħinuhom jibdeu in-negozju tagħhom fl-UE.

Filwaqt li tibni fuq inizjattivi reċenti (“Inkabbri l-Ewropa” taħt il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill<sup>76</sup>), hemm opportunità biex jitnedew mill-ġdid id-diskussjonijiet<sup>77</sup> mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġi vvalutat l-ambitu għal aktar azzjoni speċifika fil-livell tal-UE dwar l-ammissjoni ta' intraprendituri innovattivi barranin. L-appoġġ tal-UE jista' jieħu l-forma ta' appoġġ għal skemi nazzjonali, anki billi jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' informazzjoni. Se tkun esplorata wkoll r-rilevanza ta' viża ġdida tal-UE għal intraprendituri innovattivi, b'ispirazzjoni minn skemi nazzjonali, b'mod partikolari fuq kriterji biex jintgħażlu l-intraprendituri l-aktar promettenti u innovattivi. Dawn l-għażliet se jiġu diskussi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-inizjattivi tal-partijiet ikkonċernati, anki fi ħdan il-forum tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Alleanza tan-Nazzjonijiet għan-Negozji l-Ġodda Ewropej. Din l-Alleanza hija “mezz ta' implimentazzjoni” tal-Istandard tal-UE għan-Negozji l-Ġodda, inizjattiva ta' politika tal-Istrateġija għall-SMEs tal-Kummissjoni tal-2020<sup>78</sup>, li għandha l-għan li timmobilizza lill-Istati Membri biex jikkondividu u jadottaw l-aħjar Prattiki li jipprovdu ambjent favorevoli għat-tkabbir għall-SMEs ta' teknoloġija avvanzata, inklużi l-aħjar Prattiki biex jattiraw u jżommu t-talent fl-UE.

## 5. KONKLUŻJONI

<sup>75</sup> Ara pereżempju l-[Programm tas-Suq Uniku](#), l-[istrateġija għall-SMEs](#) u l-appoġġ għall-innovazzjoni skont [Orizzont Ewropa](#), in-[Network Enterprise Europe](#), [Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ](#), il-[politika tar-raggruppamenti tal-UE](#), [Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej](#), [Startup Europe](#), [Alleanza tan-Nazzjonijiet għan-Negozji l-Ġodda Ewropej](#), eċċ.

<sup>76</sup> Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni - Making Europe the Land of Tech Talent (08/02/22), (<https://presidence-francaise.consilium.europa.eu/en/news/press-release-scale-up-europe-spurs-collective-action-to-accelerate-european-tech/>).

<sup>77</sup> Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill 9510/16.

<sup>78</sup> <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/sme-strategy-launched-european-commission>.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi approċċ prammatiku u gradwali lejn politika tal-migrazzjoni legali tal-UE ambizzjuża u sostenibbli, li tattira l-ħiliet u t-talent biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u twieġeb għat-tibdil demografiku fl-Ewropa. Il-miżuri se jappoġġaw l-irkupru ekonomiku mill-COVID-19 tal-UE, kif ukoll it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u joħlqu kanali sikuri lejn l-Ewropa, filwaqt li jnaqqsu l-migrazzjoni irregolari.

Biex tattira l-ħiliet u t-talent li neħtieġu, l-UE trid tibni sistema aktar attraenti u effiċjenti. Dan jeħtieġ qafas leġiżlattiv rivedut, kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi sħab, governanza mtejba tal-migrazzjoni tal-ħaddiema li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha, kif ukoll, oqsma ġodda ta' azzjoni li jħarsu 'l quddiem.

Il-Kummissjoni se tagħti sehemha bis-sħiħ fil-bini u l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid u tappella għall-involviment u impenn qawwi minn kulħadd: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri, l-atturi ekonomiċi u soċjali, partijiet ikkonċernati oħra involuti u pajjiżi sħab rilevanti.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni se torganizza konferenza ta' livell għoli fit-tielet kwart tal-2022. Din il-konferenza se tniedi l-pjattaforma l-ġdida tal-UE dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema u se twitti t-triq lejn politika sostenibbli tal-UE dwar il-migrazzjoni legali.

## ANNEX

### Arranġamenti prattiċi għal Riżerva ta' Talent tal-UE

L-Anness ta' hawn taħt jippreżenta deskrizzjoni tal-modalitajiet possibbli ta' Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa jibni fuq l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tal-istudju ta' fattibbiltà tal-OECD, kif ukoll diskussjonijiet esploratorji mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni.

Il-grupp ta' Talent tal-UE jista' jkun ibbażat fuq portal web li jippermetti lill-kandidati minn pajjiżi mhux tal-UE jesprimu l-interess tagħhom li jaħdmu fl-UE. Il-kandidati se jkollhom joħolqu profil online u jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa li jikkonfermaw il-livell tal-ħiliet, l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali tagħhom<sup>79</sup>. Għad irid jiġi deċiż jekk l-applikanti humiex se jkunu meħtieġa jtellgħu prova tal-kwalifika tagħhom meta joħolqu l-profil tagħhom. Alternattivament, jista' jkun possibbli li jinholq profil mingħajr dokumenti sottostanti mehmuża, tal-inqas fl-ewwel stadji. F'din l-għażla alternattiva, l-utenti xorta jistgħu potenzjalment jillinkjaw ma' profili f'bażijiet tad-*data* ta' partijiet terzi b'informazzjoni aktar dettaljata jew jagħżlu li jtellgħu dokumenti ta' sostenn għall-proċess ta' tqabbil u għażla. Qed tiġi esplorata wkoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati rabtiet mal-pjattaforma tal-Europass.

Il-profil tal-kandidati jistgħu jkunu soġġetti għal **skrinjar inizjali bbażat fuq kriterji ċari ta' ammissjoni maqbula mill-awtoritajiet nazzjonali** li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawn il-kriterji, li għandhom jiġu definiti mal-Istati Membri parteċipanti, jistgħu jkunu bbażati fuq livell speċifiku ta' edukazzjoni, għarfien lingwistiku, ħiliet jew esperjenza professjonali. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol tal-UE, dawn jistgħu jkunu marbuta wkoll mad-domandi u man-nuqqasijiet identifikati fis-swieq tax-xogħol nazzjonali jew reġjonali jew f'setturi partikolari ta' skarsezza. Dan l-iskrinjar inizjali se jirrikjedi koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti, kif iffaċilitat mill-Kummissjoni Ewropea. Għad irid jiġi deċiż jekk l-iskrinjar ikunx awtomatizzat, u kull min jissodisfa l-kriterji tal-għażla abbażi tal-profil tiegħu jidħol fir-Riżerva ta' Talent tal-UE mingħajr valutazzjoni ulterjuri, jew jekk għandux ikun ibbażat fuq skrinjar individwali tad-dokumenti sottostanti mill-punti ta' kuntatt nazzjonali. L-ewwel għażla turriskja li tippopola r-riżerva bi profili vojta u foloz. L-għażla alternattiva, min-naħa l-oħra, toħloq ir-riskju li tiskoraġġixxi kandidati potenzjali milli jirreġistraw u jipprovdu informazzjoni personali estensiva mingħajr garanzija ta' riżultati, speċjalment fl-ewwel fażijiet ta' żvilupp.

---

<sup>79</sup> L-iżvilupp tal-IT u l-għażliet tal-istrateġija tal-akkwist se jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Ewropa

Il-Bord tal-Kummissjoni tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u taċ-Ċibersigurtà.

Il-grupp ta' Talent tal-UE jista' jinkorpora wkoll pjattaformi kurrenti u ppjanati ta' awtotestjar fil-livell tal-UE għall-attestazzjoni tal-ħiliet u l-għarfien (il-lingwa, il-litteriżmu fil-kompjuter, ħiliet personali oħra, eċċ.).

Il-kandidati li jissodisfaw ċertu limitu ta' eliġibbiltà se jiġu ammessi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Minn dak il-mument 'il quddiem, **il-profilu tagħhom ikunu disponibbli għall-konsultazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-impjegaturi potenzjali**. Il-proċess ta' reklutaġġ se jsir barra r-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ladarba jiġu offruti impjeg f'wieħed mill-Istati Membri, il-kandidati jkunu jistgħu japplikaw għal permess ta' residenza bbażat fuq l-iskemi ta' migrazzjoni rilevanti tal-UE jew nazzjonali. L-ammissjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ma tikkostitwixxix perkors ġdid ta' migrazzjoni legali u ma tagħtix dritt ta' dħul fl-UE. Il-kandidati ammessi fir-riżerva xorta jkollhom bżonn jiksibu permess ta' residenza biex ikunu jistgħu jaħdmu fi Stat Membru abbażi ta' offerta ta' impjeg. Madankollu, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se titfassal bħala għodda biex tgħin lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jissodisfaw it-talbiet tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri li ma jistgħux jiġu ssodisfati mill-forza tax-xogħol domestika. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din l-għodda skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Il-grupp ta' Talent tal-UE se jiddependi fuq **punti ta' kuntatt nazzjonali** f'kull Stat Membru parteċipanti. Dawn jistgħu jkunu rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, korp pubbliku maħtur mill-Istati Membri parteċipanti, idealment minn, pereżempju, servizzi pubbliċi tal-impjegi, aġenziji tal-investment, korpi li jattiraw it-talent (inklużi, kif xieraq, ċentri ta' taħriġ vokazzjonali kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi sħab), uffiċċji tax-xogħol eċċ. Dan jista' jippermetti l-bini ta' sinerġiji u t-trawwim tal-koordinazzjoni bejn il-proċeduri ta' tqabbil tal-impjegi u tal-immigrazzjoni. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali jkunu jistgħu jikkonsultaw is-settijiet ta' ħiliet irreġistrati u jgħaqqdu persuni ammessi ma' impjegaturi interessati, fl-Istat Membru kkonċernat jew mat-tqabbil ta' postijiet battala. Fl-istess ħin, ħarsa ġenerali anonimizzata tal-għadd ta' profili li jikkorrispondu għal sett ta' ħiliet partikolari tista' ssir disponibbli għall-pubbliku biex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet minn impjegaturi potenzjali. Dawn l-impjegaturi mbagħad ikunu jistgħu jilhqqu lill-persuni korrispondenti permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali rilevanti.

Hekk kif ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tiżviluppa, għadd ta' komponenti jew funzjonalitajiet addizzjonali jistgħu jiżdiedu gradwalment. Dawn jistgħu jinkludu portal tal-attrazzjoni ta' talent li jipprovdi informazzjoni u gwida mmirati għall-applikanti, bażi tad-*data* ta' pożizzjonijiet vakanti eliġibbli rilevanti, jew komponent ta' tiftix ta' impjeg jew ta' tqabbil ta' impjeg. Sistema ta' tqabbil tal-impjegi tgħaqqad il-profilu tal-kandidati mal-offerti ta' impjeg l-aktar xierqa, abbażi tal-informazzjoni pprovduta miż-żewġ naħat. Il-kuntatt bejn il-migranti potenzjali u l-impjegaturi jsir permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, filwaqt li r-reklutaġġ iseħħ barra r-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll l-ambitu għall-iżvilupp ta' **sinerġiji** ma' għodod oħra li huma disponibbli bħalissa, bħall-pjattaforma l-ġdida tal-Europass li tappoġġa lin-nies fil-ġestjoni tal-karrieri tagħhom f'suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr, l-Għodda tal-UE għall-Profil tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, jew il-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER li tibni fuq in-network EURAXESS, stabbilita fi 43 pajjiż u tmien ċentri internazzjonali li joffru servizzi lir-riċerkaturi madwar id-dinja. Jistgħu jiġu żviluppati wkoll sinerġiji ma' strumenti li jipprovdu intelligence dwar il-ħiliet, bħall-għodda Skills-OVATE taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali.

Din l-għodda tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-ħiliet l-aktar mitluba mill-impjegaturi u x-xejriet tad-domanda għall-ħiliet.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba mill-inizjattiva pilota tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għal persuni li qed jaħarbu mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' wkoll tkompli tkun miftuħa għal **persuni li għandhom bżonn protezzjoni** li għandhom il-kredenzjali jew il-ħiliet biex jirreġistraw. L-għodda primarjament għandha l-għan li tattira talent minn pajjiżi mhux tal-UE, iżda tista' tiġi estiża biex tgħin lir-refuġjati li diġà jgħixu fl-UE jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE. B'mod fakultattiv, il-kriterji għall-ammissjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għal persuni diġà preżenti fl-UE jistgħu wkoll jiġu estiżi aktar biex jagħmluha possibbli li jiġu identifikati l-ħiliet ta' diversi livelli diġà disponibbli fl-UE. Minħabba n-natura flessibbli tal-għodda u l-istruttura organizzazzjonali tagħha, tali aġġustamenti jistgħu jsiru b'mod pjuttost flessibbli kif meħtieġ, anke fuq bażi temporanja. Jista' jiġi previst ukoll li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi promossa b'mod attiv fost il-komunitajiet tar-refuġjati, anke f'pajjiżi mhux tal-UE. Dan jagħmel ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għodda utli biex tirded mogħdijiet komplementari relatati max-xogħol fl-Istati Membri<sup>80</sup>.

---

<sup>80</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE tappella lill-Istati Membri biex jippromwovu dawn il-perkorsi biex jipprovdu aktar postijiet ta' ammissjoni legali u jisfruttaw il-ħiliet u l-kwalifiki tal-popolazzjoni enormi ta' refuġjati fid-dinja.